ĦAL TARXIEN

# KUNSILL LOKALI ĦAL TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 09/06

* Il- laqgħa Nru 08/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2009 fis-6.00pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Dr. O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 08/06 tas-26/11/09 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1** Is-Sindku qal li Polidano Group ġie jiffirma l-kuntratt tar-'resurfacing', imma, għalkemm ftehmna miegħu li kellu jiġi biex nidentifikaw fejn baqa' xi jsir *major patching*, xorta baqa' ma ġiex. Lanqas għadu ma ġab il-garanzija bankarja kif suppost kellu jagħmel. Is-Sindku qal li ser jerġa' jikkuntattjah. Resurfacing

**2.2** Għas-suġġeriment tas-Sur L. Bonavia biex Triq Birbixkilla tiġi 'resurfaced', is-Sindku qal li din hi waħda mit-toroq li ser nissottomettu għall-iskema PPP. Skema PPP

2.2.1 Kompla jgħid li diġa' identifikajna 25 triq u għad baqa' oħrajn għal din l-iskema, filwaqt li elenka dawn it-toroq.

2.2.2 Is-Sindku rrakomanda biex ħadd ma jwiegħed lill-pubbliku li xi toroq partikolari ser jinksew mill-ġdid għaliex min iwiegħed ikollu jerfa' r-responsabbilta'.

**2.3** Is-Sindku qal ukoll li nfurmajna lill-ADT bil-problema ta' riskju għal terzi minħabba l-kisi mill-ġdid bil-konkos ta' parti minn tul it-Triq Paola, wara l-ħsara li ġrat fit-tarmak taħt il-bankina. Triq Paola

2.3.1 Kompla jgħid li l-WSC ser jerġgħu jaqilgħu parti minn fejn ġie msewwi.

**2.4** Is-Sindku qal li għalkemm il-ħaddiem assenjat mill-ETC magħna qed jattendi għax-xogħol, ma nafux fejn qed jaħdem għaliex m'għadux jistaqsi fejn għandu jmur jaħdem bħal qabel. Ser niltaqgħu miegħu dwar dan. Xogħol fil-Komunita'

**2.5** Solar Solutions ġew jiffirmaw il-kuntratt sabiex isir xogħol ta' installar ta' *photovoltaic systems* fuq id-dressing rooms tal-ground. *Photovoltaic Systems*

2.5.1 Ġew ukoll il-bieraħ biex jagħmlu spezzjoni tal-post.

2.5.2 Ix-xogħol ser jibda fl-1 ta' Frar li ġej u m'għandux idum iżjed minn 3 ijiem biex jitlesta.

**2.6** Dwar il-ftuħ tal-uffiċini nhar ta' Sibt, is-Sindku qal li fil-preżent qed jidħlu l-impjegati tagħna fuq qbil bejn il-partijiet konċernati li nerġgħu nagħtuhom lura l-konċessjoni, kif fil-fatt sar. Ftuħ nhar ta' Sibt

2.6.1 Madanakollu, David Soler bħal l-Employer għall-Kumitat Konġunt, għad ma qabbadhomx ix-xogħol li kienu jagħmlu, li qed jippretendu bi dritt.

2.6.2 Kompla jgħid li hu kellem lill-David Soler dwar dan il-każ imma din hi prerogattiva tal-istess David Soler u mhux tal-Kunsill. Il-Kunsill onora dak li kien imwiegħed.

2.6.3 Sadanittant , żied jgħid li l-impjegata Antonella Galea tkellmet dwar dan il-każ mal-UHM u nfurmat lis-Sindku li l-UHM tista' tagħti direttiva fil-konfront tal-Kunsill lill-impjegati.

2.6.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jindaħal x'tagħmel kumpanija oħra.

2.6.5 Qal ukoll li f'każ li l-UHM toħroġ xi direttiva biex l-impjegati ma jidħlux nhar ta' Sibt, dan trid tagħmlu uffiċjalment. Fin-nuqqas ta' dan nifmhu li l-impjegati jkunu naqsu li jidħlu għax-xogħol u l-Kunsill jieħu l-passi neċessarji f'dan ir-rigward.

**2.7** Dwar l-attendenza tal-voluntiera fil-librerija, is-Sindku qal li l-librara spjegatilhom is-sistema *online* kif taħdem, li aħna għad m'għandniex, u dan qatalhom qalbhom. Għalkemm din kienet b'intenzjoni tajba madanakollu ġiet miftiehma ħażin mill-voluntiera. Ser nitkellmu mal-librara dwar dan. Xogħol fil-Librerija

**2.8** Is-Sindku qal li x-xogħol fil-latrina hu avvanzat u tajjeb. Kompla jgħid li l-bejt jinħtieġlu manutenzjoni sew minħabba li għandu xi ħsarat fil-kisi. Tlabna lill-kuntratturi jagħmlu xogħol addizjonali meħtieġ qabel ma niksu bil-*membrane*. Latrina Pubblika

Il-Kunsill qabel nem-con.

**2.9** Is-Sindku qal li kif ippjanat nhar it-Tnejn 14/12/09 ġew miftuħa 4 offerti sottomessi għal Ġbir ta' Skart Domestiku fil-preżenza tas-Sindku, il-Kunsilliera D. Vella u s-Segretarju Eżekuttiv. Attendew ukoll żewġ kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom : Salvu Mifsud u Wilson Mifsud, rispettivament. Ġbir ta' Skart Domestiku

2.9.1 Id-dettalji tad-dokumenti ta' kull offerta ġew irreġistrati, imma r-rati ma ġewx imniżżla minħabba li huma kkumplikati u f'dak il-mument ma kienx possibbli li jitniżżlu. Madankollu, immedjatament wara l-ftuħ u rreġistrar tal-offerti s-Seg. Eżek. ħareġ rapport dettaljat ta' evalwazzjoni ta' kull offerta. (App. 1)

2.9.2 Is-Sindku kompla jgħid li Seg. Eżek. infurmah li għall-ħabta tat-3pm ġie Mario Borg, wieħed li tefa' l-offerta sabiex jiġbor il-lista tal-offerti.

2.9.2.1 Filwaqt li taħ waħda s-Seg. Eżek, dan ippretenda bi dritt li fiha jkollu wkoll imniżżla r-rati dettaljati. Is-Seg. Eżek. spjegalu li dan ma kienx possibbli imma r-rati ser ikunu imniżżla fir-rapport ta' evalwazzjoni li kien qed jipprepara u li kien ser iqassam lil kull wieħed li tefa' l-offerta.

2.9.2.2 Mario Borg wieġeb għal dan li "tinten l-affari" u li "ser iċempel lill-Union". Is-Seg Eżek ġibidlu l-attenzjoni li qed jagħmel allegazzjonijiet infondati u li ser jieħu passi kontrih.

2.9.2.3 L-għada 15/12/09, Mario Borg ġie l-uffiċċju u ingħatalu r-rapport ta' evalwazzajoni kif ingħata wkoll lil kull wieħed li tefa' l-offerta.

2.9.3 Is-Sindku rrimarka li għall-ebda raġuni mhu ser jaċċetta diskors malafamanti bħal dan u ser jieħu passi kontrih.

2.9.4 Is-Sindku qal li talab lis-Seg. Eżek. sabiex jagħmel rapport bil-miktub dwar il-każ li għaddieh lill-Avvukat J. Mifsud biex joħroġ kwerela.

2.9.5 Wara li l-Kunsill iddiskuta r-rapport ta' evalwazzjoni li ġie ċċirkulat lil kull membru fejn is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kien hemm dokumenti nieqsa jew mhux kif mitlub "fil-kriterja amministrattiva" tal-offerta u għaldaqstant l-offerti sottomessi minn Mario Borg, Wilson Mifsud u Ray Attard ma kkwalifikawx għall-"kriterja ta' evalwazzjoni".

2.9.5.1 Apparti dan kollu, kompla s-Sindku, l-offerta ta' Saviour Mifsud tidher li hi l-iżjed waħda vantaġġjuża u li kkwalifikat għall-kriterji neċessarji.

Il-Kunsill approva unanimament li l-iżjed offerta vantaġġjużi hi dik sottomessa minn Saviour Mifsud.

2.9.6 Is-Sindku qal li minħabba li l-kuntratt ser jibda b'effett mill-1 ta' Jannar li ġej, u l-iskeda tal-ġbir ġiet modifikata billi nhar ta' Tlieta mhux ser jinġabar skart organiku (boroż suwed) ħsibna biex inqassmu avviż importanti f'kull dar f'dan ir-rigward. (App.2)

Il-Kunsill qabel nem con.

**2.10** Is-Sindku qal li għandna direttiva mingħand id-Dipt. Gvern Lokali biex nagħmlu arranġamenti għall-ġbir ta' skart separat ma' xi waħda mill-iskemi approvati. Skart Separat

2.10.1 Kompla jgħid li qed nippjanaw ma' GREENPAK għal sentejn u ma nħallsu xejn.

**2.11** L-attivita' tal-Festival tal-Folk Internazzjonali f'Malta, li għaliha l-Kunsill ingħata €1000 fondi, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ €1000 oħra mill-fondi tiegħu minħabba li l-ammont mgħoddi mill-Gvern Ċentrali mhux biżżejjed. Festival Internazzjonali tal-Folk

2.11.1 Il-Kunsill qabel ukoll li f'każ ta' maltemp l-attivita' ssir fl-iskola tal-Gvern.

**2.12** Dwar il-kors għall-għaqdiet, is-Sindku qal li saret l-aħħar laqgħa u ġew ippreżentati ċertifikati lil dawk li attendew il-kors. Preżenti wkoll kien hemm il-Viċi Sindku. Kors tal-Volontarjat

**2.13** Is-Sindku qal li kif kien approvat, tlabna biex iċ-Ċentru Komunitarju jservi bħala Uffiċċju Reġjonali wkoll. Uffiċċju Reġjonali

2.13.1 Kompla jgħid li ġew uffiċjali mid-Dipt. Gvern Lokali biex jispezzjonaw il-post, ħadu xi ritratti u għamlu rapport. Talbuna biex inbaxxu l-bankina biex tkun aċċessibbli għal kulħadd.

**2.14** Dwar proġetti mill-MEUSAC, is-Sindku qal li ntbgħatulna xi kriterji li fuqhom irridu nimxu. Filwaqt li ta spjegazzjoni, ppreżenta xi mudelli li permezz tagħhom nattiraw iżjed turisti. Proġetti mill-MEUSAC

2.14.1 Kompla jgħid li diġa' beda jaħdem fuq il-proġett ta' wara l-latrina pubblika.

2.14.2 Is-Sur L. Bonavia ssuġġerixxa li jitpoġġa bust ta' Sir Temi Zammit u gazebo.

2.14.2.1 Is-Is-Sindku wieġeb li affarijiet bħal dawn diġa' beda jikkonsidrahom.

**2.15** Is-Sindku qal li għalkemm qassamna leaflets f'kull dar, jidher li ħadd mhu nteressat li jidħol fil-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Kunsill Lokali Żgħażagħ

**2.16** Dwar il-mandat ta' Dr Ivan Sammut, is-Sindku qal li attenda seduta l-Qorti. Informa lill-Kunsill li l-kawża intrebħet mill- Kumitat Konġunt u għaldaqstant il-mandat issa ġie rtirat. Mandat

2.16.1 Kompla jgħid li mill-kont tal-Kunsill ġie mnaqqas l-ammont ta' €4950.74 bħala sekwestru imma dawn għandhom jiġu depożitati lura.

**2.17** Dwar email accounts tal-Kunsillieri, is-Sindku qal li dawn ser jinfetħu għall-Kunsillieri li m'għandhomx accounts "gov.mt". e-mail accounts

2.17.1 Kompla jgħid li l-ispejjeż indikati ser jitnaqqsu direttament mill-allokazzjoni.

**2.18** Is-Sindku qal li ġie mibgħut Ragusa biex jirraprezenta lill-AKL fejn attenda għall-attivitajiet organizzati mill-EUROMED Municipalities Youth Online Network (EMMYON) u li għalihom attendew ukoll is-Sindki mill-Greċja, Romania, Turkija u Ragusa. Ragusa

2.18.1 Kompla jispjega f'hiex jikkonsisti dan in-network li jiġbor flimkien dawk il-pajjiżi ġirien tal-Mediterran li jixtiequ li jaqsmu l-kultura, storja, tradizzjoni, turiżmu u żgħażagħ, fost oħrajn.

2.18.2 Qal ukoll li kellhom stima kbira, speċjalment lejħ bħala rappreżentant għall-Malta.

**2.19** Is-Sindku qal li fuq stedina tal-Malta Communication Authority applikajna għal skema biex nakkwistaw b'xejn 5 computers rikondizzjonati ekwivalenti għall-Pentium IV biex ikunu aċċessibbli għall-Komunita' u m'għandhomx jintużaw għall-raġunijiet amministrattivi. Akkwist ta' pc's

**2.20** Is-Sindku qal li amministra għall-ewwel darba l-Att ta' Żwieġ lill-ewwel koppja f'dan l-uffiċċju nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru 2009. Amministrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ

## *3.0 Affarijiet Finanzjarji*

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€14991.61 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. '3').

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tagħhom fuq xogħol tal-Kunsill lis-

| | |
|---|---|
| Sindku | € 91.00 |
| Segr. Eżek. | € 44.80 |

## *4.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

**4.1 Rapport mill-Viċi Sindku F. Agius**

4.1.1 Is-Sur F. Agius qal li għamel żewġ laqgħat tas-Sotto Kumitat tiegħu fejn ġiet diskussa attivita' Kulturali għall- 10 ta' Frar.

4.1.2 Dwar il-ħruġ mill-ġdid tal-ktieb ta' V. Battistino "Ħal Tarxien", Il-Viċi Sindku qal li tkellem mal-familjari Battistino li nfurmawh li l-ktieb għandu jiġi stampat kif inhu oriġinali, għalkemm fih xi żbalji. Hu talab li jsir xi forma ta' kuntratt biex jerġa' jiġi stampat.

Is-Sindku qal li mhux validu li nerġgħu nistampawh bl-iżbalji u rridu naraw xi spejjeż jinvolvi. Għandu jkun ta' unur għall-Familja Battistino jekk noħorġu *re-issue* tal-ktieb bil-korrezzjonijiet. Is-Sindku talab biex naraw jekk jeżistix xi kuntratt li kien sar mal-Bank sabiex nieħdu xi idejat minnu.

Is-Sur L. Bonavia sostna dak li qal is-Sindku.

Il-Kunsill qabel nem con.

**4.2 Rapport mill-Kunsillier Dr. O. Caruana**

4.2.1 Dr. O. Caruana qal li qed jippjana għal meta ser isiru il-laqgħat edukattivi dwar Żamma ta' l-Ordni Pubblika u l-Ambjent.

**4.3 Rapport mill-Kunsillier L. Bonavia**

4.3.1 Qal li għadu qed jipprova jakkwista l-lista tal-postijiet kummerċjali fir-raħal.

**4.4 Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

4.4.1 Qal li l-Kunsill Lokali għaż-Żgħażagħ ma sarx minħabba li ħadd ma applika.

4.4.2 Qal li inħatar membru fil-kumitat tal-Benefiċċji Soċjali tal-Parlament taż-Żgħażagħ.

4.4.3 Għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena Tarxiniż jipproponi li ssir attivita' għall-aħħar ta' Jannar.

**4.5 Rapport mill-Kunsillier I. Dalli**

4.5.1 Is-Sur I. Dalli ppreżenta l-Pjan ta' Ħidma tiegħu (App. 4)

4.5.2 Il-Kunsill approva nem.con. biex Reuben Buttigieg, Ian Dalli u Hubert Zammit ikunu membri fis-Sotto Kumitat tiegħu "Servizzi u Immaniġġjar tat-Traffiku".

4.5.3 Ippreżenta ritratti fejn qed jissuġġerixxi li jitpoġġew skips on wheels. Ippropona li jitwaħħlu stickers fuq l-iskips.

4.5.3.1 Is-Sindku qal li ser niltaqgħu ma "Green Pak" u ser nitolbu l-pariri tagħhom f'dan ir-rigward.

4.5.4 Is-Sur I. Dalli ppreżenta r-rotta tal-karozzi tal-linja li ser jgħaddu mir-raħal skont ir-riforma.

4.5.4.1 Is-Sindku rrimarka li dak li ġie kkonfermat lilna li issir rotta li tgħaddi minn Triq Ta' Sardinja mhux inkluża fir-rotot ppreparati.

Is-Sur I. Dalli ser jivverifika dwar dan.

**4.6 Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

4.6.1 Is-Sinj. D. Vella qalet li l-aħħar ħarġa kienet suċċess u ser tagħmel oħra tal-Milied għat-tfal.

## 5.0 Ħwejjeġ Oħra

**5.1** Is-Sindku rrefera għall-informazzjoni li waslitlu llum li s-Segr. Parl. Dr J.Azzopardi ser jgħaddi biċċa art fi Triq il-Ħaġar lit-Tarxien Rainbows meta ġie mistieden minn rappreżentant tar-Rainbows biex jattendi għaċ-ċerimonja. Art lir-Rainbows

5.1.1 Kompla jgħid li l-Kunsill qatt ma ġie nfurmat b'dan qabel u lanqas li ser tittieħed biċċa mit-triq. Qal ukoll li r-residenti qed joġġezzjonaw bis-saħħa għal dan l-iżvilupp li ser isir permezz ta' bini ta' garaxxijiet u 'spectators stand' fuqhom.

5.1.2 Tkellem ukoll dwar ittri anonimi imqassma qabel l-elezzjoni biex iħammġu r-reputazzjoni tiegħu u li fihom ġie msemmi li hu qed jaħdem biex ir-Rainbows jakkwistaw din l-art u jinbnew il-garaxxijiet.

5.1.3 Is-Sindku qal li kieku ma kinetx il-laqgħa tal-Kunsill xorta ma kienx jilqa' din l-istedina.

5.1.4 Qal li l-interess tal-Kunsill hu interess ġenerali tar-residenti. Mhux ġust li bħala Gvern Lokali ma nkunux infurmati b'materji bħal dawn.

5.1.5 Żied jgħid li lanqas permessi mill-MEPA għad ma ħarġu.

5.1.6 Is-Sindku qal li ma jafx kif Dr J. Azzopardi ser jagħti din il-biċċa lir-Rainbows meta f'okkażjoni minnhom il-President is-Sur T. Cassar qal li jekk jirranġa l-bankina (fl-istess post) jtellgħu l-Qorti lis-Sindku. Allura dan ifisser li din l-art ilha fil-pussess tar-Rainbows; ser issir biss ċerimonja uffiċjali.

5.1.7 Hemm ukoll, żied is-Sindku, il-Bring-In Sites li qiegħeda hemm bil-permess tal-MEPA.

5.1.8 Is-Sindku spiċċa jgħid li f'dan ir-rigward ser isejjaħ konferenza stampa biex il-pubbliku jkun jaf bil-pozizzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel nem.con. ma' dak kollu li qal is-Sindku.

## 6.0 Għeluq tal-Laqgħa

**6.1** Il-laqgħa ntemmet fit-8.10pm.

**6.2** Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Maurice L. Mallia** | **Kav. P. Farrugia** |
| **Seg. Eżek.** | **Sindku** |
| 27.01.10 | |